TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 111/16/GB

**Shirley Farrugia**

**vs**

**Oxford House Ltd.**

Illum 27 ta' Lulju 2016

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-31 ta' Mejju, 2016 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' disgha mija hamsa u sebghin Ewro (€975.00), rapprezentanti parti mill-prezz li hija hallset ghal *tumble dryer*, li nxtrat minghand is-socjeta' ntimata, liema *tumble dryer* kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat *tumble dryer* fit-22 ta' Marzu 2012 ghall-prezz ta' elf u mitejn Ewro (€1,200.00). L-ewwel darba li tatha problema kienet ghaxar xhur wara. Wara dakinhar, is-socjeta' ntimata kellha tohodha hames darbiet ohra fuq l-istess problema.

Is-socjeta' ntimata offriet li r-rikorrenti thallas mija hamsa u ghoxrin Ewro (€125.00) l-ewwel sena, mija hamsa u tletin Ewro (€135.00) it-tieni sena u mija hamsa u erbghin (€145.00) it-tielet sena, pero' r-rikorrenti ma acettatx ghaliex taf li dawn l-ispejjez ha tehilhom zgur, ghaliex kull ghaxar xhur jew hdax-il xahar, it-*tumble dryer* tkun bil-hsara.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

Illi għalhekk, ir-rikorrenti qiegħda titlob jew li tingħata *tumble dryer* ġdida ta' l-istess valur, jew li tingħata disgħa mija ħamsa u sebgħin Ewro (€975.00) inkluż danni morali.

**Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fit-18 ta' Diċembru 2012, it-tekniku ċċekja t-*tumble dryer* u ma sab xejn ħażin. Fiehem lir-rikorrenti kif tuża l-*functions*. Fit-13 ta' Frar 2013, it-tekniku naddaf it-*tumble dryer* minn suf (*fluff blockage*) eċċessiv u naddaf il-pompa ta' l-ilma. Fis-26 ta' Novembru 2014, inġabret it-*tumble dryer* fil-*workshop* tas-soċjeta' ntimata biex titnaddaf is-sistema kompletament minn *fluff blockage*, instab *filter* imqatta' u kellu jinbidel. Sar kollox b'xejn, taħt garanzija, hlief li tħallas il-*filter* li huwa *spare part wear and tear*. Fid-29 ta' Settembru 2015, inġabret it-*tumble dryer* fil-workshop tas-soċjeta' ntimata biex titnaddaf is-sistema kompletament minn *fluff blockage*. Ix-xogħol sar kollox b'xejn, that garanzija. Fid-9 ta' Marzu 2016, inġabret it-*tumble dryer* fil-workshop tas-soċjeta' ntimata biex titnaddaf is-sistema kompletament minn *fluff blockage*. Ix-xogħol sar kollox b'xejn, taħt garanzija.

Ma jistax wieħed jgħid li s-soċjeta' ntimata ma ppruvatx tasal mar-rikorrenti. Il-partijiet iltaqgħu l-uffiċċju tas-soċjeta' ntimata fejn ir-rikorrenti ammettiet li sfortunatament għandha kundizzjoni f'idha, li ma tistax tonxor ħwejjeġ u għalhekk kull ma taħsel fil-magna tal-ħasil, tnixxef bit-*tumble dryer*. Fir-rigward tal-*fluff blockage* li hija r-raġuni għalfejn it-*tumble dryer* kull darba tiddaħħal il-*workshop*, ir-rikorrenti spjegat li t-*tumble dryer* tintuża erbgħa darbiet kuljum, li dan ifisser tmienja u għoxrin *load* fil-ġimgħa.

Ġie spjegat lir-rikorrenti illi l-ebda *domestic appliance* ma ġiet manifatturata biex taħdem b'dan il-mod, għalhekk tissejjaħ *domestic*. Ir-rikorrenti qed tuża t-*tumble dryer* b'mod industrijali u l-ilmenti tagħha jirrigwardaw sempliċiment *wear and tear*, u cioe' il-*fluff* li jiġi ġġenerat mill-ħwejjeġ stess jinġemgħu u d-*dryer* trid titnaddaf. Is-soċjeta' ntimata ppruvat tfiehem lir-rikorrenti li jekk per eżempju karozza toħroġ ġdida u tagħmel 100,000 kilometru wara xahar trid toħodha għand il-mekkanik biex jagħmlilha *service*.

Ir-rikorrenti qatt ma ħallset Ewro għall-interventi kollha li għamlu s-soċjeta' ntimata, fejn hija dejjem onorat il-garanzija, għalkemm kull darba li t-*tumble dryer* ddaħlet il-*workshop* ma kienx hemm ħsara iżda *blockage* ta' *fluff*. Dan l-intervent ifisser, ġbir tal-*appliance*, self ta' *tumble dryer* fil-frattemp, u ġurnata xogħol ta' tekniku għaliex it-*tumble dryer* trid tiżżarma kompletament, titnaddaf, terġa' tintrama u terġa' tiġi kkonsenjata lir-rikorrenti. Is-soċjeta' ntimata għamlet dan kollu b'xejn għal dawn l-aħħar erbgħa snin, meta fil-verita', is-soċjeta' ntimata setgħat m'għamlitx dan kollu għaliex dan huwa *wear and tear* bl-użu, li ma jiġix kopert bil-garanzija, iżda jitħallas bħal kull servizz ieħor.

Minħabba l-biża' tar-rikorrenti rigwardanti meta tiskadi l-garanzija, is-soċjeta' ntimata għamlet offerta ta' prezzijiet vantaġġjużi ħafna għall-ewwel tliet snin wara il-ħames sena, fejn servizz u tiswijja li suppost jammonta bejn 190 u 210 Ewro bil-VAT, qed jiġi offrut hekk:

l-ewwel sena wara li tiskadi l-garanzija – mija ħamsa u għoxrin Ewro (€125.00) inkluż il-VAT;

it-tieni sena wara li tiskadi l-garanzija – mija hamsa u tletin Ewro (€135.00) inkluz il-VAT;

it-tielet sena wara li tiskadi l-garanzija – mija hamsa u erbghin Ewro (€145.00) inkluz il-VAT.

Din l-offerta tinkludi gbir ta' l-*appliance* ghall-*workshop* tas-socjeta' ntimata, li tizzarma t-tumble dryer kompletament, titnaddaf mill-*fluff* u *blockage*, terga' tintrama, li dan ifisser gurnata xoghol ta' tekniku u terga' tigi konsenjata.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja tar-ricevuta ammontanti ghal elf u tleit mitt Ewro (€1300.00), li giet immarkata bhala Dok.SF1; flimkien ma' sitt (6) dokumenti li jirrapprezentaw is-sitt darbiet li kellha tiehu t-*tumble dryer* ghat-tiswija, li gew immarkati bhala Dok.SF2 sa Dok.SF7.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet sett ta' ritratti, li gew immarkati bhala Dok.OH1 u Dok.OH2.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u fuq ezami tal-provi prodotti, huwa sodisfatt illi t-*tumble dryer* in kwistjoni ma ghandha l-ebda difett, u li l-ilment tar-rikorrenti tirrigwarda biss kwistjoni ta' *wear and tear*. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**